# RAPPORT AMMINISTRATTIV
## SENA TA' ĦIDMA
## 1 TA' JANNAR 2013 – 31 TA' DIĊEMBRU 2013

## *Introduzzjoni*

Dan ir-Rapport Amministrattiv jiġbor fih il-ħidma mwettqa mill-Kunsill Lokali matul il-perjodu li beda nhar l-Ewwel ta' Jannar u spiċċa fil-31 ta' Diċembru tas-sena 2013.

Il-kompożizzjoni tal-Kunsill u r-responsabiltajiet tal-membri kienu kif jidhru hawn taħt :

**Is-Sindku Mario Calleja:**

Finanzi, Relazzjonijiet Pubbliċi, Ordni Pubblika, Indafa Pubblika, Anzjani, Saħħa u Persuni b'diżabilità.

Proġetti kapitali u infrastruttura (assistit mill-Kunsillier Charlot Cassar u mill-Kunsillier John B. Camilleri).

Kunsill taż-Żgħażagħ iffurmat min-naħa tal-Aġenzija Żgħażagħ (assistit mill-Kunsillier Daniel Spiteri).

Tim tad-Douzelage Town Twinning Organization.
Sindku bħala viċi president ta' din l-organizzazzjoni, Viċi Sindku Desireè Attard ser tkun qed tikkorrispondi mas-Segretarjat tad-Douzelage u l-Kunsillier Sandro Gatt.

**Il-Viċi Sindku Desireè Attard:**

Aġġornament tas-sit elettroniku, u Facebook; Affarijiet Rurali (GAL); Proġetti Relatati mal-UE, Rivista tal-Kunsill, b'ħidma flimkien mal-Kunsillier John B. Camilleri

**Il-Kunsillier Charlot Mifsud:**

Edukazzjoni, Familja u Ħarsien tal-Annimali.
Koordinazzjoni sħiħa mal-librara biex wieħed jara x'hemm bżonn kotba fil-librerija tagħna;
Koordinazzjoni sħiħa mal-Kap tal-Iskola;
Klassijiet ta' filgħaxija biex wieħed jiġġieled l-illiteriżmu.
Lezzjonijiet tal-Malti għal dawk il-barranin interessati li jitgħallmu l-bażi tal-Malti.
Użu sewwa miċ-Ċentru tal-Edukazzjoni u Kultura.
Koordinazzjoni biex jibqgħu jsiru l-lezzjonijiet tal-kompjuter.
Koordinazzjoni mal-Animal Welfare biex wieħed isolvi l-problema tal-annimali jiġġerrew barra.

**Il-Kunsillier Elizabeth Cassar :**

Kultura u Attivitajiet Soċjali
Koordinazzjoni mas-Sur Alfred Debono

| | |
|---|---|
| **Il-Kunsillier Lawrence Ciantar** : | Ambjent; Ġonna Pubbliċi u *Playing Fields;* u Analiżi tas-Sejħiet għall-Offerti, qabel u wara li jinġabru minn min jitfagħhom. |
| **Il-Kunsillier Daniel Spiteri** : | Żgħażagħ u Sports, Faċilitajiet Sportivi flimkien ma' *Healthy Living*. |
| **Il-Kunsillier John B. Camilleri:** | Enerġija, Wirt Storiku, Faċilitajiet Sanitarji u r-Rivista tal-Kunsill, b'ħidma flimkien mal-Viċi Sindku Desireè Attard. |
| **Il-Kunsillier Charlot Cassar:** | Immaniġjar tat-Traffiku, Trasport Pubbliku, Turiżmu u Affarijiet Marittimi li jinkludu wkoll attivitajiet fuq il-baħar u negozjanti żgħar. |
| **Il-Kunsillier Sandro Gatt** : | Ġemellaġġ mal-Kunsill Lokali tal-Qala Għawdex; Tabelli u Sinjali, Għaqdiet u Kumitati mhux Governattivi, Friends of Marsaskala, Ħaddiema tal-IPSL u l-ETC, u aġġornament tal-avviżi man-*notice boards* kull ġimgħa. |

Kif wieħed qiegħed jinnota, din is-sena, ir-Rapport Amministrattiv qiegħed isir fuq bażi ta' tnax–il xahar, mill-ewwel tas-sena sal-aħħar tas-sena li tkun għadha kemm għaddiet.

Dawn l-aħħar tnax-il xahar tas-sena 2013 kienu bla dubju bla waqfien, li matulhom, il-Kunsill iltaqa' erbatax-il darba sabiex jiddiskuti erbatax-il aġenda differenti.

Nhar il-21 ta' Frar 2013 saret l-aħħar laqgħa pubblika li matulha nqara r-Rapport Amministrattiv ta' bejn Jannar u Diċembru 2012 u wara saret diskussjoni mir-residenti preżenti.

L-attendenza tal-Kunsilliera għal-laqgħat tal-Kunsill kienet hekk:

| Isem | Nru ta' Laqgħat | Preżenti | Assenti | Skużati | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| Is-Sindku Mario Calleja | 14 | 14 | / | / | 14/14 |
| Il-Viċi Sindku Desireè Attard | 14 | 13 | / | 1 | 13/14 |
| Il-Kunsillier Charlot Mifsud | 14 | 13 | / | 1 | 13/14 |
| Il-Kunsillier Elizabeth Cassar | 14 | 14 | / | / | 14/14 |
| Il-Kunsillier Lawrence Ciantar | 14 | 14 | / | / | 14/14 |
| Il-Kunsillier Daniel Spiteri | 14 | 12 | / | 2 | 12/14 |
| Il-Kunsillier John B. Camilleri | 14 | 10 | / | 4 | 10/14 |
| Il-Kunsillier Charlot Cassar | 14 | 14 | / | / | 14/14 |
| Il-Kunsillier Sandro Gatt | 14 | 10 | / | 4 | 10/14 |

Matul dan il-perjodu kienu approvati sitta u ħamsin (56) mozzjoni li l-maġġoranza tagħhom ġew implimentati.

Matul is-sena finanzjarja li għaddiet, il-Kunsill Lokali kellu allokazzjoni ta' fondi mill-Gvern Ċentrali li tammonta għal €692,853.00.

## *Sena ta' Ħidma: Marzu - Diċembru 2013*

Segretarju Eżekuttiv, Kunsilliera sħabi u ħbieb,

Bħalma ħafna minnkom diġà jafu, il-proċedura ta` din il-Laqgħa Annwali ssir billi jinqara r-rapport u wara jsiru xi domandi. Kien hemm żmien ukoll fejn xi kunsilliera qraw ir-rapport ta` ħidma tagħhom.

Kien ikun rapport dettaljat ħafna, u anke kien jieħu fit tul biex jinqara. Kien hemm min m'għoġbitux din l-idea, allura ma kienx hemm alternattiva oħra għajr li nippruvaw nikkuntentaw lil kulħadd.

Fl-aħħar laqgħa kont issuġġerejt li nagħmel rapport wieħed fil-qosor li fih ninkludi x-xogħol kollu globali mingħajr ħafna rapporti tal-kunsilliera. Wieħed jifhem li kull kunsillier jagħmel minn kollox biex jagħti kemm jista' għalkemm mhux dejjem jirnexxilu. Xogħol u studju jiġu l-ewwel u qabel il-volontarjat. Ma ninsewx, li ħadd mill-kunsilliera mhu mħallas ħlief ftit onorarja.

Nixtieq nibda billi nsellem lil dawk it-tliet kunsilliera tal-leġiżlatura l-oħra li ħadmu qatigħ għal din il-komunità. Nassigurakom li ħassejt in-nuqqas taghhom u tax-xoghol taghhom f`din il-leġiżlatura.

Dawn ma huma ħadd ħlief is-Sinjura Carmen Fearne, is-Sur George Farrugia u l-aħħar u mhux l-inqas *is-Sur Jesmond Mugliett. Bla tlaqliq ngħid li kienu tliet kunsilliera onesti u leali lejja kif ukoll lejn il-*komunità tagħna. Għamlu xogħolhom tajjeb ħafna. Carmen u George tnejn anzjani u pensjonanti allura kienu jkunu ta` għajnuna kbira speċjalment meta jkollna xi laqgħat filgħodu. Illum nista` ngħid li nsibu diffikultajiet kbar biex nattendu għal ċertu laqgħat. Grazzi għall-Kunsillier Charlot Mifsud li ħafna drabi jkun jista` jattendi għal xi laqgħat filgħodu.

Tajjeb li issa wkoll nilqgħu fostna tliet kunsilliera ġodda: Lis-Sinjorina Desiree` Attard; lis-Sinjura Elizabeth Cassar; u lis-Sur Charlot Cassar. Tliet kunsilliera li jixtiequ jagħtu iżjed iżda minħabba l-ġeneru tax-xogħol tagħhom u studju jsibuha ħafna diffiċli. Inkun onest li dejjem għamlu minn kollox biex jagħtu s-sehemhom.

Issa jiena ser nelenka ftit ix-xogħol kollu li sar f`dawn l-aħħar disa' xhur ta' leġiżlatura ġdida, u minn hemm wieħed jistenna domandi fejn forsi ma nkunx ċar jew wieħed ikun jixtieq li niftaħ iżjed fuq xi suġġett.

Nibda biex ngħid illi jiena wieħed minn dawk is-Sindki li mmur id-dar norqod b`moħħi mistrieħ. Qed ngħid hekk għax il-Kunsill ta` Marsaskala għandu Segretarju Eżekuttiv ta` xogħlu, jaf il-liġi tal-Kunsilli Lokali fuq ponot subajgħ, leali lejn l-iskrivani tiegħu, lejn il-ħaddiema u fuq kollox lejn il-kunsilliera. Kif dejjem sħaqt li meta l-amministrattiv u l-politiku jaqblu żgur li t-tmexxija tal-Kunsill, hu fejn hu, ser tħalli l-frott.

Grazzi tmur lill-iskrivani kollha u 'l-ħaddiema tal-IPSL li jiena ċert li huma l-ħin kollu *hands on deck* u kieku xi darba qatgħu qalbhom minn xi sfida.

Is-Segretarju Eżekuttiv għandu xogħol kbir fejn jidħlu sejħiet għall-offerti u proġetti Ewropej. Nassigurakom li mhux xogħol faċli, u mhux l-ewwel darba li kellu joqgħod sa tard bil-lejl biex jikkonkludi xi rapporti. Dan ix-xogħol ma jsirx jekk mhux bl-għajnuna tal-perit tagħna Aaron Abela kif ukoll bl-iskrivani tagħna Lucille, Claudine u Chantel.

Ma nistax ma nsemmix il-*Customer Care* fejn għandna skrivani ddedikati man-nies ta' Wied il-Għajn: Sharon, Claire u Rebecca. Dan qed ngħidu bl-akbar responsabilità, u għax nisma' l-kummenti pożittivi tar-residenti.

Hekk kif spjegajt iżjed 'il fuq, issa ser nelenka xi punti fil-qosor għad-diskussjoni:

1. **Il-Finanzi tal-Kunsill:** Kull ma nista' ngħid huwa li l-finanzi tagħna qegħdin tajjeb ħafna u dan wara x-xogħol kollu li sar f'dawn l-aħħar xhur. Iżda dan tajjeb tispjegah l-*accountant* brava tagħna s-Sinjura Doreen Mintoff iżjed 'il quddiem, u min jixtieq jagħmel xi domanda rigward il-finanzi ma jiddejjaq xejn u żgur li tirrispondih bl-aktar mod għaqli u trasparenti.

2. **Infrastruttura:** Saru diversi biċċiet ta' bankini madwar ir-raħal li kienu spiċċaw jew ta' periklu għar-residenti. Dawn swew madwar €37,739.10 u saru tista' tgħid f'bosta toroq.

3. **Qed jinbidlu l-bankijiet ta' fuq il-promenad.** Grazzi għar-residenti li jisseparaw l-iskart. Grazzi wkoll għall-inizjattiva min-naħa ta' Green MT. Ġejna wkoll ippremjati bħala l-aqwa kunsill tas-sena għal mod ta' kif utilizzajna dawn il-fondi.

4. **Tarmak:** Naf li forsi mhux daqshekk kuntenti bix-xogħol tat-tarmak iżda ftit ftit naslu. Nista' nispjega għalfejn forsi ħadna ftit fit-tul. Saru diversi rqajja' iżda fadal xi jsir. Dan ġie jiswa €26,533.05 matul is-sena 2013.

5. **Sinjali tat-traffiku:** Wieħed jaf illi l-elementi tan-natura speċjalment f'Marsaskala jgħarrqu kull biċċa għamara li jkollna. Is-Sinjali s'issa huma kollha tal-ħadid allura wara ċertu żmien iridu jinbiddlu. Dawn ġew jiswew €2,746.45.

6. **Sinjali tat-traffiku miżbugħa mal-art:** Kulħadd jaf li dawn malajr imorru. Illum qed niffrankaw ħafna flus għax ħafna minnhom qed isiru minn nies tal-IPSL stess. Dawn ġew jiswew €10,670.88.

7. **Ġonna Pubbliċi:** Saru diversi manutenzjonijiet fuq il-ġonna pubbliċi. Tranġaw apparat tal-logħob fil-ġonna pubbliċi kif ukoll inbidlu twapet u apparat ieħor fi Ġnien Antoine Randich u dan biex wieħed inaqqas il-periklu wkoll. Ta kuljum isir xogħol ta' ħrit u jinżergħu pjanti ġodda ta' kull staġun kemm fil-ġonna kif ukoll fir-*roundabout*s u fis-*centre strips* u fejn wieħed isib biċċa ħamrija.

8. **Sejħiet għall-offerti:** Hawn ukoll nista' ngħid illi l-Kunsill tagħna huwa wieħed trasparenti ħafna. Jinħatar tim ta' aġġudikazzjoni mill-membri tal-Kunsill flimkien ma' persuna minn barra u xi ħadd tekniku jekk ikun il-każ. Dawn huma :
KLM 2013/01 – GAL XLOKK – Measure 313 service tender for Project Mananger
KLM2013/02 – (L-ebda sejħa ma b'din ir-referenza)
KLM2013/03 – (L-ebda sejħa ma nħarġet b'din ir-referenza)
KLM2013/04 – Road Maintenance & Major Patching works in access & access only roads
KLM2013/05 – Maintenance & Construction of Pavements, Boundary Walls & other ancillary works
KLM2013/06 – Service of Accountant
KLM2013/07 – Insurance Cover for Marsaskala Local Council
KLM2013/08 – Cleaning & Maintenance of Public Conveniences in Marsaskala
KLM2013/09 – Leisure Park in rural San Tumas Civil Works
KLM2013/10 - Leisure Park in rural San Tumas Supply & Installation of equipment

9. **Douzelage:** Din is-sena kellna laqgħa ġenerali ġewwa Bellagio l-Italja, u proġett li għadu sejjer s'issa Comenius Reggio. Hawn daħal il-Kulleġġ San Tumas More biex b'hekk ħadu sehem diversi edukaturi u eks edukaturi. Hawn gawdew ħafna residenti ta' kull età fosthom nies tad-dar, ħaddiema u anke nies fin-negozju peress li ħadu sehem f' *workshops* kemm hawn Malta kif ukoll ġewwa l-Polonja. Kellna proġett ieħor bl-isem Leonardo Da Vinci fejn xi wejters Pollakki ġew jaħdmu fil-lukanda Sensi . Dawn ġew jaħdmu bla ħlas. Din is-sena inħoloq proġett ieħor fejn għaxar żgħażagħ ser imorru wkoll fil-Polonja jiltaqgħu ma'għaxar Ungeriżi u għaxar Pollakki. Dan huwa kollu ta' ġid fejn il-Kunsill ma joħroġ l-ebda flus.

10. **Proġetti Kapitali:** Bdejna naħdmu fuq proġetti għat-tisbiħ tal-Ġnien f'San Tumas; It-triq li tagħti minn fejn il-Kappella ta' San Gejtanu għal Bajja ta' San Tumas; Kisi ta' tarmak għan-naħa tal-Bidni; kif ukoll biħsiebna noħorġu sejħa għall-offerti għall-bini tal-uffiċċju amministrattiv.

11. **Wirt Storiku:** Ħadna ħsieb ukoll li ma jintilifx il-wirt storiku. Fejn fis-snin ta' qabel irrestawrajna tliet statwi: dik ta San Spiridjun; ta' San Tumas; u ta' Sant' Anna, issa wasal iż-żmien li nirrestawraw it-tlett islaleb fil-Bidni. Qed nistennew l-approvazzjoni tal-MEPA. Kif inkunu hemm ser inkomplu bit-tisbiħ tal-madwar billi jitpoġġew xi bankijiet u *bins* u tingħata kisja tarmak f'biċċa oħra triq. Dan grazzi għall-proġett mill-GAL Xlokk.

Ħdimna ħafna mill-qrib mal-Għaqda Bajja San Tumas. Dan biex 'k il-Bambin irid ikollna d-devoluzzjoni tar-Ridott tal-Franċiż u bi sforz flimkien inkunu nistgħu nirrestawrah ukoll għal benefiċċju tal-Iskalin kif ukoll għal dawk li jiġu jżuru l-lokal tagħna.

12. **GAL Xlokk:** Dawn il-fondi ser jiġu kollha mill-fondazzjoni GAL Xlokk, Miżura 125, Miżura 413 A5 u Miżura 313.

13. **Attivitajiet Soċjali:** Nistgħu ngħidu li kellna diversi minn dawn: Bdejna bl-ikla tal-Milied għall-anzjani u persuni b'diżabilità; Saret ċerimonja fi Ġnien Charles Clews; Sar il-Karnival taċ-Ċiniżi taħt is-sala tal-Knisja Parrokjali, Saret ir-reċta tal-Ġimgħa l-Kbira; Ittellgħu Lejla Aggrarja, *60s Nights* u Arti fil-Beraħ fejn involvejna l-Ambaxxata Tuneżina f'Malta; Ħdimna flimkien mal-Kappillan sabiex il-quddiesa tal-festa ssir fuq is-simenta, u f'Jum Marsaskala ħadet sehem il-banda tar-raħal; Sabiex ngħinu n-negozji tagħna, ingħalqet it-triq; Tajna rikonoxximent lil min għamel ġieħ lil-lokal tagħna fosthom it-tim tal-futbol, l-ieħor tal-futzall, il-Kappillan kif ukoll il-persuna li għamlet l-armar tal-festa; Ġew organizzati l-Iljieli Skalin in-naħa tat-Torri ta' San Tumas; Ittellgħet wirja ta' presepji, u għalaqna bil-kunċert tal-Milied.

Ma' dawn saru wkoll diversi attivitajiet bħal *coffee mornings* bit-tombla u *dinner dance* bil-għan li jinġabru fondi għat-tfal fqar fil-Perù. Din is-sena għal darba kellna wirja ferm sabiħa tat-tim tal-preċiżjoni min-naħa tal-Korp tal-Pulizija flimkien ma' parata mill-isbaħ u anke wirja tal-klieb. Dan kollu ma kienx isir jekk mhux bl-għajnuna kbira tal-koordinatur tal-kultura s-Sur Alfred Debono flimkien mat-tim tiegħu.

14. **Pulizija:** Wieħed tajjeb ukoll jgħid li konna f'kuntatt kontinwu mal-membri tal-Korp tal-Pulizija biex b'hekk setgħet tinżamm il-bonordni fil-lokal tagħna.

15. **Rigward l-indafa fit-toroq:** Nista' nassigurakom li kuntent ħafna. Ta' kuljum nikkumbattu ma' ftit nies irresponsabbli li akkost ta' kollox ma jagħtux kas u jħammġu madwarhom. Għandna servizz impekkabbli. Rigward skart goff kważi jinġabar trakk kuljum. Għandna wkoll servizz ta' kenniesa li jduru mar-raħal kuljum. Kontenituri ta' skart separat nistgħu ngħidu għandna tajjeb u jintużaw ħafna. Forsi kellna xi polemika dwar il-*bins* li għandna max-xatt. Iva! Iżda l-iskop li jsiru żgħar kien biex ħadd ma jabbuża minnhom billi jitfgħu magħhom boroż ta skart domestiku. Isir qtugħ ta' ħaxix ħażin fejn ikun hemm bżonn; kemm f'żoni urbani kif ukoll f'żoni oħrajn.

16. **Enerġija:** Tajjeb ngħaddi biex insemmi wkoll ix-xogħol utli li jsir fejn tidħol l-enerġija. Hawnhekk il-Kunsill kien ukoll ta' servizz enormi liċ-ċittadin Skalin. Kien hemm diversi talbiet għall-bdil ta' bozoz maqtugħa, arbli u servizzi ġodda. Dawn saru kollha mingħajr dewmien. Dan dejjem bl-għajnuna taċ-ċittadin li jirraporta ħsarat mill-ewwel, il-*customer care* li jieħdu ħsieb jinfurmaw 'il-kunsillier responsabbli u l-kuntrattur tagħna li bla dewmien jirranġa l-ħsarat.

17. **Latrini Pubbliċi:** Saru diversi spezzjonijiet fuq il-latrini tagħna. Nafu li issa dawn ġew f`idejn il-Kunsill allura wieħed irid iżjed iżomm għajnejh miftuħa għal kull ilment li jidħol. Kien hemm diversi lmenti li ħadna ħsiebhom. Fil-fatt il-Kunsill iddeċieda li anke jinbidel il-kuntrattur. Wieħed jistenna riżultat aktar pożittiv mill-kuntrattur il-ġdid.

18. **Negozji:** Meta wieħed jirreferi għas-*self employed* fil-lokal tagħna jkun biss qed jolqot il-ħwienet tagħna. Aħna dejjem fhimna lin-negozjanti, iżda sfortunatament kultant, minoranza minnhom ma tantx jikkoperaw. Inkunu pressati minn ilmenti fuq ċertu abbużi ta' mwejjed u siġġijiet żejda biex b`hekk jittieħdu spazji u passaġġi żejda tal-pubbliku.

19. **Rivista tal-Kunsill:** Wieħed jista' jsib dan kollu fir-rivista li toħroġ kull tlett xhur. Li jmiss issa tinħareġ għall-Għid.

20. ***Live Streaming:*** Il-Kunsill tagħna huwa wieħed minn tal-ewwel li daħħal is-sistema tal-*live streaming* tas-seduta tal-Kunsill. Dan għamlu għal aktar trasparenza waqt il-laqgħat tal-Kunsill. Ċert li din is-sistema hija waħda pożittiva.

21. **Ambaxxatur taż-Żgħażagħ:** Ħtarna wkoll bħal ħafna kunsilli oħra, l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ. David Massa ġie magħżul unanimament waqt laqgħa b'urġenza. Huwa qed jattendi għal-laqgħat tal-Kunsill u minkejja li m`għandux vot jista' jipparteċipa waqt id-diskussjoni speċjalment fejn ikunu involuti ż-żgħażagħ.

22. ***Stray Cats:*** Inizjattiva oħra li intlaqgħet ħafna kemm mill-poplu Skalin kif ukoll minn għaqdiet mhux governattivi, hija t-tiswija tal-qtates li jkunu jiġġerrew barra. Hekk wieħed inaqqas it-tkattir żejjed ta' qtates *stray*. Din issa b`inizjattiva tal-Gvern Ċentrali ser tibda taħdem anke minn ġewwa djar privati.

23. **Tilqima tal-influwenza:** Għal darb' oħra kellna t-tilqima tal-influwenza għall-madwar 600 anzjan. Grazzi tmur għall-infermiera Skalin li ħadu l-inkarigu li jiġu l-Kunsill bla ħlas u jagħtu dawn it-titqibiet.

24. **Korsijiet :** Għal darb' oħra kellna korsijiet tal-kompjuter. Kellna kors tal-Malti għall-barranin li jgħixu f`Marsaskala, kif ukoll korsijiet tal-krafts u tpinġija għat-tfal. Għal darb' oħra reġgħu saru sessjonijiet ta' *story telling* waqt Skola Sajf.

25. Qed naħsbu wkoll biex nimxu għal post kulturali ġdid. Minn hawn, apparti li nistgħu nagħtu l-korsijiet, inkunu nistgħu wkoll norganizzaw iżjed laqgħat anke għall-Friends of Marsaskala u xi anzjani tagħna. Dalwaqt inkunu nistgħu nagħmlu kors fejn dawn ikunu jistgħu jitgħallmu l-Malti. Hemm ħafna iżjed xi jsir fil-post il-ġdid, iżda wieħed għad irid jiddiskuti.

26. L-anzjani tagħna nżommuhom kemm jista` jkun infurmati bl-attivitajiet li jkunu għaddejjin.

27. Konna spalla ma' spalla mas-Surmast tal-iskola kif ukoll mal-Prinċipal tal-Kulleġġ San Tumas More. Involvejna ruħna magħhom fi proġetti ta' ġemellaġġi ma' pajjiżi barranin. Nista` ngħid li mal-kap tal-iskola, u mal-għalliema għandna rapport tajjeb ħafna.

28. Librerija nistgħu ngħidu qed tespandi kuljum. Hemm il-ħsieb li jkollna anke xi kotba fil-post kulturali ġdid. Dwar dan għad irridu niddiskutu.

29. Sar monument ieħor fil-Jum Marittimu Ewropew meta resident tana ankra antika u din tpoġġiet quddiem it-terminus.

30. Saru diversi qsari ġodda biex b`hekk insebbħu d-daħla ta` Marsaskala.

31. Sfortunatament weħilna ftit fuq il-bandli taż-Żonqor li kellu jsir ukoll is-sena li għaddiet iżda qed naħdmu biex kollna l-fondi meħtieġa.

32. Saru wkoll diversi avvenimenti fejn jidħol l-isport. Saret anke sajda max-xatt biex il-flus miġbura jmorru għall-Community Chest Fund. Saru korsijiet tal-ewwel għajnuna.

33. Ma waqafniex naħdmu biex inżidu iżjed parkeġġi, u dan tajjeb għar-residenti tagħna kif ukoll għan-negozjanti. Fil-fatt għadna għaddejjin niddiskutu ma' Transport Malta biex it-Triq il-Gardiel, Triq il-Granmastri u Triq il-Kavallieri jsiru dħul min-naħa waħda. Illum fil-fatt stedinna lir-residenti ta` dawn l-akkwati biex jgħidulna x`jaħsbu fuq dan is-suġġeriment. Inkunu ċari, ħafna minnkom diġà kitbulna dwar dan it-*Traffic Management*.

34. Waħda mill-aktar avvenimenti importanti li saru fl-aħħar tas-sena li għaddiet kienet mal-ħatra tal-kumitat ġdid fil-Klabb tal-Boċċi. Is-Segretarju l-ġdid il-Kunsillier Daniel Spiteri flimkien miegħi, u sħabna tal-kumitat mill-ewwel ħsibna biex inżewġu l-klabb tal-boċċi ma' dak tal-futbol u dan għal żewġ raġunijiet. L-ewwel biex il-klabb tal-bocci jżuruh iżjed membri, u l oħra hija li t tim tal futbol li tant sejjer tajjeb almenu jkollu fejn jiltaqa`. Nista` ngħid illi dan il-ftehim kien suċċess u diġà beda jagħti l-frott tiegħu. L-għan tal-klabb huwa li kemm jista' jkun jattira żgħażagħ biex il-logħba tal-boċċi ma tmutx u tispiċċa ħesrem.

## *KONKLUŻJONI*

Mhux faċli li wieħed isemmi kollox f`dawn it-tliet faċċati. Li nista` ngħid huwa illi li ma kienx għat-tim kollu tagħna flimkien dan ma sarx. Grazzi lis-Segretarju Eżekuttiv u l-iskrivani kollha ta' miegħu, il-ħaddiema tal-IPSL u dawk tal-iskema tal-ETC kif ukoll lill-kunsilliera sħabi li flimkien miegħi qdifna f'direzzjoni waħda biex inwasslu l-vapur fid-destinazzjoni t-tajba.

Għamilna biżżejjed? Dażgur li le. Għad hemm ħafna xi jsir u nemmen li l-2014 ser tkun sena mimlija xogħol u suċċessi għal dan il-Kunsill. Ngħid x`ikun sar fil-laqgħa li jmiss.

Meta wieħed iqis li x-xogħol kollu li sar żgur li m`għandux jagħti każ xi ittra minn xi anonimu fantażma fil-ġurnali tagħna. Skop wieħed li jfixkel lis-Segretarju u lili milli nkomplu għaddejjin fil-ħidma tagħna.

Nixtieq bla tlaqliq nirringrazzja lit-tim kollu tal-Kultura u minn dawn hemm ħafna. Xogħol li jsir minn wara l-kwinti u li ma jidhirx. Laqgħat fuq laqgħat biex il-prodott joħroġ kif suppost.

Fil-laqgħa pubblika li għaddiet semmejna żewġ proġetti kbar. Dak tal-bini amministrattiv kif ukoll il-bidla tal-Ġnien San Tumas f`park ieħor għall-familja. Ħdimna fuqhom qatigħ. Ħriġna sejħa għall-*offerti fuq il-ġnien u qegħdin fi stadju ta' aġġudikazzjoni, u kellna wkoll l-aħħar irfinar fuq il-pjanti* tal-bini amministrattiv.

Għeżież Skalini, minkejja l-fatt li mhux dejjem faċli, inħoss li dawn l-aħħar disa` xhur ta' tmexxija min-naħa tiegħi kienu serji, onesti, bi ħsieb u b'determinazzjoni kbira. It-tmexxija kemm dik politika kif ukoll dik amministrattiva ħalliet il-frott. Dan ma ngħidux jiena iżda r-residenti tagħna. M`għandniex xi ngħidu li xi kultant nsibu individwi li ma jkunu kuntenti b`xejn. Nispiċċa billi ngħid illi l-impossibbli għamilnieh kemm-il darba, iżda mirakli s`issa le.